StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

**Skejjel Primarji**

**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013**

**Is-Sitt Sena** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u kwart**

**Isem u kunjom:** ___________________________ **Klassi:** ____________

**TAQSIMA A**

**STORJA TA' MĦABBA**

**A. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.** (10 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Messija | Alla | bniedem | Nażaret | Ispirtu s-Santu |
| Eliżabetta | Ġużeppi | fehmitx | Marija | Gabrijel |



Marija kienet tfajla umli għarusa lil ________________. Huma kienu joqogħdu f'________________, raħal żgħir fil-Palestina. Darba waħda dehrilha l-arkanġlu _______________ u talabha jekk tridx issir omm il-________________. Marija ma ________________ kif seta' jkun dan. Hu qalilha la dan ser iseħħ bil-qawwa tal-________________ u kompla jgħidilha li l-qariba tagħha, ________________, ukoll kien ser ikollha tarbija, avolja kienet imdaħħla fiż-żmien. Marija aċċettat u minn dak il-ħin l-Iben t'Alla sar ________________ bħalna. Bħal ________________, aħna rridu nagħmlu li jrid minna Alla. Aħna nħobbu lil Marija u nqimuha bħala Omm ________________.

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**B. Ħares sewwa lejn dawn l-ismijiet.** (5 ma




**Ħamsa minnhom għexu qabel Ġesù u l-ħamsa l-oħra wara.**

**Ikteb dawn l-ismijiet fiż-żewġ kolonni li għandek hawn taħt skont iż-żmien li fih għexu.**

| Qabel Ġesù | Wara Ġesù |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |









www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**Ċ. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B.** (7 m
**L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **0.** | **Għallem u għamel ħafna mirakli.** | | Eliżabetta |
| 1. | Kien jisimni Sawl ta' Tarsu. | | Salamun |
| 2. | Ħareġ il-poplu t'Alla mill-jasar tal-Eġittu. | | Anna |
| 3. | Il-kuġina tal-Madonna. | | David |
| 4. | Kien sultan għaref ħafna. | | San Pawl |
| 5. | Omm il-Madonna | | Abraham |
| 6. | Kien lest jissagrifika lil ibnu għal Alla. | **0** | **Ġesù** |
| 7. | Ragħaj li ġie midluk sultan mill-profeta Samwel. | | Mosè |



**TAQSIMA B**

**IL-BIBBJA**

**D. Agħmel ✓ ħdejn it-tweġiba t-tajba.**
**Ara l-eżempju.**

**Jista' jkollok iktar minn tweġiba waħda tajba.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **0.** | Il-Bibbja hi | ktieb tal-poeżiji. | |
| | | talba lil Alla. | |
| | | sensiela ta' kotba. | ✓ |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Bibbja hi maqsuma __________ taqsimiet kbar. | f'żewġ | |
| | | fi tliet | |
| | | f'erba' | |

www.StudentBounty.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | Fiha nsibu l-istorja ta' kif Alla __________ matul iż-żmien. | għamel il-mirakli | |
| | | mexa mal-bniedem | |
| | | kien jiprietka | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3. | Fit-Testment il-Qadim insibu l-ġrajja ta' | Mosè. | |
| | | David. | |
| | | Ġesù. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | It-Testment il-Ġdid jinkludi l-________ Vanġeli. | għaxar | |
| | | ħames | |
| | | erba' | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | In-nies li kitbu l-Vanġeli jissejħu | awturi. | |
| | | Evanġelisti. | |
| | | poeti. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | Fost l-Evanġelisti nsibu lil | San Mattew u San Luqa. | |
| | | San Stiefnu u San Pawl. | |
| | | San Ġwann u San Mark. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | L-iktar appostli li kiteb ittri lill-komunitajiet ta' Insara tal-bidu | kien San Pawl. | |
| | | kienet Santa Rita. | |
| | | kien San Ġużepp. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8. | Fil-Bibbja nsibu l-messaġġ li ried iwasslilna | San Ġwann. | |
| | | Alla Missierna. | |
| | | San Pawl. | |

(10 marki)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**E. Imla l-vojt b'dawn il-postijiet.** (5 marki)
**L-ewwel waħda lesta.**

| | |
|---|---|
| Nażaret | Tempju |
| Golgota | Ġerusalemm |
| Betlehem | |



**0. Post fejn Alla ta l-Kmandamenti lil Mosè.**

**Il-Muntanja Sinaj**

1. Il-post fejn Ġesù ġie msejjaħ sultan u milqugħ bil-weraq tal-palm.

   ____________________

2. Il-post fejn għex Ġesù għal 30 sena.

   ____________________

3. Il-post fejn twieled Ġesù.

   ____________________

4. Għolja li fuqha ġie msallab Ġesù.

   ____________________

5. Ġesù rrabja għax dan il-post il-Fariżej għamluh bejta tal-ħallelin.

   ____________________

**TAQSIMA Ċ**

**IL-KALENDARJU**

**F. Imla l-vojt b'kelma waħda.** (15 marki)

1. L-Avvent jibda ________________ iħdud qabel il-festa tal-Milied. Il-kelma Avvent tfisser ________________. F'dan iż-żmien is-saċerdot jilbes il-kulur ________________ waqt il-quddiesa.



www.StudentBounty.com

StudentBounty.com



2. Żmien il-Milied ifakkarna _______________ ta' Sidna Ġesù Kristu. F'dan iż-żmien niċċelebraw il-festa tal-Epifanija li tfakkarna fiż-żjara tal-_______________. F'dan iż-żmien is-saċerdot jilbes il-kulur _______________ waqt il-quddiesa.

3. Żmien ir-_______________ hu erbgħin jum ta' tħejjija għall-akbar festa tal-Knisja. F'dan iż-żmien niftakru fil-passjoni u l-_______________ ta' Ġesù. F'dan iż-żmien is-saċerdot jilbes il-kulur _______________ waqt il-quddiesa.





4. Fi Żmien il-Għid infakkru l-_______________ ta' Sidna Ġesù Kristu mill-mewt. F'dan iż-żmien niċċelebraw il-festa tal-Pentekoste, meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-_______________. F'dan iż-żmien jintuża l-kulur _______________ tal-ferħ.

5. Fi Żmien ta' Matul is-Sena naħsbu fuq il-mirakli u t-_______________ ta' Sidna Ġesù Kristu. Dan iż-żmien jagħlaq bil-festa ta' Kristu _______________. F'dan iż-żmien is-saċerdot jilbes il-kulur _______________ waqt il-quddiesa.



StudentBounty.com

**Ġ. Imla l-vojt bis-sagramenti.**
**Kull sagrament jista' jintuża darba biss.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | F'dan is-sagrament l-għarajjes iwiegħdu imħabbithom għal ħajjithom kollha lil xulxin. | |
| 2. | Is-saċerdot jidlek il-moħħ tal-marid u jitlob għall-fejqan tiegħu fir-ruħ u fil-ġisem. | |
| 3. | Il-ġenituri u l-parrini jwiegħdu li jemmnu f'Alla u jiċħdu lix-xitan u d-dnub f'isem it-tarbija. | |
| 4. | L-Isqof iqiegħed idejh fuq ras dawk li jkunu ser isiru qassisin. | |
| 5. | Għall-kliem tas-saċerdot, il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm ta' Ġesù. | |
| 6. | Dakinhar inġeddu l-wegħdiet li jkunu saru f'isimna meta rċevejna l-magħmudija. | |
| 7. | Nitolbu maħfra ta' dnubietna u nerġgħu nsiru ħbieb m'Alla. | |

(7 marki)

**TAQSIMA D**

**IT-TWELID TA' ĠESÙ – IL-MILIED**

**G. Kompli t-talba tal-Anġelus** (6 marki)



L-Anġlu t'Alla ħabbar lil ________________,

U hija saret ________________ mill-Ispirtu s-Santu.

Hawn hi l-qaddejja tal-________________,

Ħa jkun minnek skont ________________.

U l-Iben t'Alla sar ________________,

U għammar ________________.

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**GĦ. Poġġi s-sentenzi wara xulxin biex tgħid l-istorja tal-Milied.**
**L-ewwel waħda lesta.**

| | |
|---|---|
| Għalhekk Ġużeppi u Marija marru Betlehem biex jinkitbu. | |
| Ir-rgħajja marru jgħaġġlu u sabu kollox kif kien qalilhom l-anġlu. | |
| F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja jirgħu l-merħliet tagħhom. | |
| F'dik il-ħabta Ċesari ried li jsir ċensiment fid-dinja kollha. | **1** |
| Ġara li meta kienu hemm Marija wildet iben u medditu f'maxtura. | |
| Dehrilhom anġlu u ħabbrilhom it-twelid tal-Messija, il-Mulej. | |

(5 marki)



**H. Min jien?**
**L-ewwel waħda lesta.**



| | | |
|---|---|---|
| **0.** | **Fil-Milied infakkru t-twelid tiegħu.** | **Ġesù** |
| 1. | Il-missier putattiv ta' Ġesù. | |
| 2. | Żaru lil Ġesù f'daru meta kellu xi sentejn. | |
| 3. | Omm San Ġwann il-Battista. | |
| 4. | Il-qaddis li għamel l-ewwel presepju. | |
| 5. | Waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina nisranija. | |

(5 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**Taqsima E**

**NIKKOMUNIKAW**

**Ħ. Aqra u wieġeb fil-qosor.**

"Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha? U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar, isejjaħ għandu lil ħbiebu u l-ġirien u jgħidilhom, "Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li ntilfitli."

1. X'jissejħu dawn l-istejjer b'tagħlima li kien juża Ġesù biex jgħallem bihom?

_______________________________________________________________.
(marka)

2. Min hu r-Ragħaj it-Tajjeb?

_______________________________________________________________.
(marka)

3. Liema sagrament jerġa' jagħmilna ħbieb t'Alla?

_______________________________________________________________.
(marka)



4. Spjega kif Alla juri l-imħabba tiegħu lejn il-midneb f'din il-parabbola?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________.
(2 marki)

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**I. Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.** (10 m

1. Meta nagħtu l-paċi lil xulxin inkunu qed ngħidu li aħna nħobbu lil proxxmu tagħna. Min hu l-proxxmu tagħna?

   ________________________________________________________________.

2. "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom." Min qal dan il-kliem?

   

   ____________________________________________.

3. X'jiġri mill-ħobż u l-inbid waqt il-quddiesa?

   ________________________________________________________________.

4. Kompli:

   Ġesù qal, "Jiena _______________ u intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott."

5. X'ried ifisser meta qal li min jibqa' fih jista' jagħmel ħafna frott?

   ________________________________________________________________.

**Taqsima F**

**SIMBOLI TA' MĦABBA**

**J. Poġġi dawn il-kelmiet li qal Ġesù wara xulxin.** (5 marki)



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| xi | il-ħobż | dejjem | minn | Jekk |
| jiekol | għal | ħadd | jgħix | dan |

"______________________________________________

______________________________________________."

www.StudentBounty.com

**K. Ikteb ftit sentenzi biex tgħid l-istorja ta' waħda minn dawn:**

(5 ma

**Il-Ġrajja tat-Tkattir tal-Ħobż**



**Is-Sejħa ta' Żakkew**



**TMIEM IL-KARTA**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com